**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 76/2015**

**Maria Concetta sive Connie Vella Karta ta' l-identità numru 539837(M) u b'digriet tal-Bord tat-18 ta' Lulju 2018, is-socjeta' HTFM Limited (C58164) assumiet l-atti in status et terminis**

**vs**

**Direttur Lotteriji gja Direttur tal-Lottu Pubbliku u b'digriet tal-Bord tat-23 ta' Lulju 2019, l-atti gew trasfuzi f'isem is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi bħala suċċessur tad-Direttur Lotteriji**

**Illum, 24 ta' Lulju, 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> "Illi hija tikri l-fond numru sebgha u sittin (67), Triq San Duminku, Sliema lill-intimat mit tnejn (2) ta' Jannar tas-sena kurrenti sal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) versu l-kera kurrenti ta' mitejn disgha u sittin ewro u disgha u erbghin centezmu (€269.49).
>
> Illi l-esponenti m'accettatx il-kirja tal-iskadenza kurrenti ta' din il-kera peress illi l-intimat m'huwiex qed jaghmel uzu minn dan il-fond u hallieh maghluq u ghaldaqstant, kiser l-artiklu 9 (a) tal-Kap.69. L-esponenti talbet lill-intimat illi jrodd lura l-pussess tal-fond de quo imma rrifjuta u ddepozita l-kera fir-registru tal-Qorti.
>
> Ghaldaqstant, l-esponenti bil-qima titlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgobha tawtorizzaha ma ggeddidx l-kirja de quo meta dik kurrenti tiskadi u konsegwentament, l-esponenti tirriprendi l-pussess tal-istess fond.
>
> Il-mittenti tibbeneficja mill-ghajnuna legali numru 175/15.
>
> Bl-ispejjez inkluz dawk l-ittra ufficjali numru 2486/15."

Il-Bord ra wkoll ir-risposta tal-Agent Direttur Lotteriji, illi tghid:

> Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha u dan ghas-segwenti ragunijiet:
>
> 1) Illi preliminarjament dan l-Onorabbli Bord huwa nkompetenti *ratione materiae* stante li kif jistabilixxi s-

subartikolu 2 tal-artikolu 8 tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta) id-disposizzjoni ta' l-artikolu 8, u konsegwentement ta' l-artiklu 9 ukoll, ma jghoddux ghall-fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu, kif ukoll il-fond huwa mehtieg mill-Gvern ghal skop ta' utilità pubblika.

2) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-fond 67, Triq San Duminku, Sliema hija nfondata stante li hemm raguni skuzanti valida ghan-non-uzu ai termini tal-gurisprudenza nostrali.

3) Illi l-esponenti ghandu bzonn il-post in kwistjoni ghal uzu ta' banka tal-Lottu. Fil-fatt il-Union Ricevituri tal-Lottu infurmat lill-esponenti li hi ghad ghandha bzonn tal-Banka tal-Lottu *de quo*. L-imsemmija Union infurmat lill-esponenti ukoll li hemm proceduri ta' arbitragg pendenti bejn ir-ricevitur tal-Lottu prezenti u Maltco Lotteries Limited u jekk jirbah ir-ricevitur tal-Lottu huwa jkollu dritt ikompli jopera mill-istess Banka tal-Lottu. Jekk ir-ricevitur tal-lottu jitlef, il-Union Ricevituri tal-Lottu infurmat lill-esponenti li se tassenja l-Banka tal-Lottu lil ricevitur iehor.

   Illi l-Union Ricevituri tal-Lottu infurmat ukoll lill-esponenti li jekk huwa ma jhallix l-istess Banka tal-Lottu disponibbli ghar-ricevituri taghha huma se jfittxu lill-esponenti ghad-danni.

   Illi l-esponenti staqsa lil-Union Ricevituri tal-Lottu sabiex jassenja ricevitur tal-lottu iehor flok dak prezenti, pero' l-Union Ricevituri tal-Lottu wiegbet li jekk taghmel hekk, ir-

ricevitur tal-lottu prezenti jitlef l-arbitragg li ghandu mal-Maltco Lotteries Limited.

4) Salv risposti ulterjuri."

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' l-provi.

Ra s-sentenza preliminari tal-Bord tal-20 t'Ottubru 2016.

Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 t'April 2017.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed titlob li (1) ma ggeddidx l-kirja de quo meta dik kurrenti tiskadi u (2) ir-ripreza tal-pussess tal-istess fond u dan minhabba illi (a) l-intimat m'huwiex qed jaghmel uzu minn dan il-fond u hallieh maghluq u ghaldaqstant, kiser l-artiklu 9 (a) tal-Kap.69.

L-intimat jeccepixxi illi (1) l-inkompetenza rationae materiae ta' dan il-Bord, (2) hemm raguni skuzanti valida ghan-non-uzu u (3) l-esponenti ghandu bzonn il-post in kwistjoni ghal uzu ta' banka tal-Lottu.

**Principji Legali u Gurisprudenza Applikabbli**

Illi din il-kawza hija msejsa fuq **il-principju ta' *non uso*.**

Jibda biex jigi rimarkat illi dawn il-Qrati taghna f'diversi okkazjonijiet studjaw il-kuncett tan-non uzu. Jigi osservat illi koncettwalment n-"non-uzu" u l-"uzu divers" huma kontraddistinti minn xulxin. Dan ghaliex mentri fil-kaz ta' "non-uzu" ghandek sitwazzjoni fejn il-fond mikri jinzamm bla ebda gustifikazzjoni maghluq u inutilizzat ghall-perijodu apprezzabbli ta' zmien jew isir biss minnu uzu sporadiku; fil-kaz ta' "uzu divers" il-kerrej ikun znatura d-destinazzjoni li kien isir qabel mill-fond u b' hekk jigi li abbuza mill-godiment tieghu. Ara sentenza fl-ismijiet **"Charles Zammit Tabona et -vs- Alfrida Walker et", deciza mill-Qorti fil-15 ta' Dicembru 2003**.

B' danakollu hu rikonoxxut ukoll f'bosta decizjonijiet illi n-"non-uzu" hu parifikat ukoll ghall-"uzu divers" u b'hekk iz-zewg kuncetti huma skambjabbli. Ara Kollez. Vol. XXXIV P I p 164; Vol. XLV P I p 196. Hekk jinsab enuncjat illi "jekk jirrizulta li l-fond mikri bhala store naqas ghal zmien indefinit li jigi wzat bhala tali dan il-fatt jekk ma jkunx hemm xi gusitifikazzjoni fic-cirkostanzi specjali tal-kaz, jammonta ghal tibdil fid-destinazzjoni tal-fond; ghax biex fond ikollu u jibqa' jgawdi l-protezzjoni specjali li l-ligi taghti lill-'hanut' jehtieg li jkun u jibqa' uzat bhala tali" (Kollez. Vol. XLII P I p 312).

Ir-rikorrenti ma hux qieghed jikkontendi din ix-xorta ta' uzu divers izda l-fatt li l-fond inzamm maghluq u hu dan in-non-uzu li fil-fehma tieghu jikkostitwixxi l- uzu xort' ohra tal-fond milli ghall-iskop li l-fond ikun gie moghti b'kera (Artikolu 9, Kapitolu 69).

Dan premess, ma jistax ikun qatt dubitat, in forza tal-principju notorju, illi min jallega jrid jipprova. Dan jikkomprendi l-prova ta' l-allegat tibdil li jirrizulta minn non-uzu. "Prova din li trid tkun mhux biss attendibbli izda trid ukoll tkun tali li tikkonvinci lil min irid jiggudika illi manifestament hi wahda perswasiva u minghajr ombra ta' dubju. Dan anke ghaliex, kif drabi ohra ripetutament imtenni, f' kaz ta' dubju fl-interpretazzjoni tal-fatti dak id-dubju ghandu jmur favur il-kerrej. Dan in bazi ghall-konsiderazzjoni wkoll illi l-iskop tal-ligi mhux dak li tivvantaggja lis-sid b'mod li jkun jista' japprofitta ruhu minn kwalunkwe cirkostanza biex jippriva lill-kerrej mit-tgawdija tal-haga lilu mikrija (Kollez. Vol. XXXI P I p 110; Vol. XXXVI P I p 168)". Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Frar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **"Salvina Falzon et -vs- Edward Agius et"**.

Jigi osservat illi l-obbligu primarju ta' l-inkwilin hu li jinqeda bil-haga mikrija bhala missier tajjeb tal-familja u ghall-uzu mifthiem fil-kuntratt, u jekk ma jkunx hemm ftehim fuq dan ghall-uzu li jista' jigi prezunt mic-cirkostanzi (Art. 154 tal-Kap 16). Dan l-obbligu tal-kerrej bl-ebda mod ma gie modifikat bil-ligijiet specjali tal-kera u l-kawzali ghar-ripreza tal-fond taht il-Kap 69, abbazi tat-tibdil tad-destinazzjoni u kif evoluta fil-gurisprudenza anke abbazi tan-non uso issib l-origini taghha f'dan l-obbligu konsagrat mill-ligi civili." ('**Schembri vs Sultana', App. 29/1/99** ara ukoll **'Mizzi vs Ferrito'** deciza mill-Bord fl-10 ta' Mejju 2000 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Gunju 2001).

Jaghmel uzu divers min izomm hanut maghluq, billi huwa maghruf li 'non si usa della cosa secondo la sua destinazione non usandone" (**App. Civ. 'Galea vs Falzon', 19/5/52; 'Schembri vs Bonnici', 8/2/54; 'Portelli vs Debono' 13/5/60; 'Farrugia vs Vella', 26/5/61; 'Sultana vs Bugeja', 20/5/63; 'Ciappara vs Grech' 6/12/1994; 'Bezzina vs**

**Rizzo' 17/6/95; 'Xuereb vs Borg', 9/12/96; 'Zammit Lupi vs de Cristoforo', 12/12/96, 'Debono vs Abela et' App. Civ. 10/12/91**).

Principju iehor huwa illi biex fond ikollu u jibqa' jgawdi l-protezzjoni specjali li l-ligi taghti lill-hanut jihtieg li jkun jibqa' uzat bhala tali" (**'Caruana vs Aquilina', App. Civ. 22/5/99, 'Borg vs Cortis' App. Civ. 19/2/90**).

Biex dan in non uso jista' jammonta ghall-uzu divers hemm bzonn li jghaddi certu zmien valutabbli skond ic- cirkostanzi tal-kaz u li jkun volontarju u mhux determinanti minn xi raguni irreżistibbli (**'Bonello vs Cassar', 24/11/86; 'Spiteri vs Zammit' App. Civ., 16/12/68; 'Zammit vs Aveta' App. Civ. 07/10/96**).

In oltre "Ftit uso jekkwivali ghal non-uso" (**'Farrugia noe vs Licari et noe' Ap. Civ. 17/2/95**).

Id-differenza 'bejn non-uzu u uzu divers'. Dawn huma zewg koncetti kontradistinti minn xulxin, anke jekk jigi koncess illi xi kultant tintqal ukoll li dawn jikkavallaw wahda fuq l-ohra. Dan fis-sens illi 'non uso' gie ekwiparat ghall-"uzu divers" (**'Rocco Caruana et vs Albert Cauchi', Appell ta' Dicembru 1968**).

Fil-kaz ta' 'non uso' ghandek is-sitwazzjoni fejn il-fond mikri jinzamm bla ebda gustifikazzjoni, maghluq u inutilizzat ghall-perjodu apprezzabbli ta' zmien (**Elena Magri et vs Andrea Piscopo' Appell 12 ta' Mejju 1950**) jew, jekk isir xi uzu minn dan isir sporadikament u ghall-perjodi qosra ('**Pullicino vs Briffa', Appell 18 ta' Gunju 1983; 'Josephine Smeets vs Evelyn Spiteri', Appell 30 ta' Ottubru 1997**).

Invece fil-kaz ta' 'uzu divers' il-kerrej ikun snatura d-destinazzjoni li kienet issir qabel mill-fond u b'hekk abbuza mill-godiment tieghu. Per ezempju minn garage ghall-karozza jaghmel store ('**Emmanuel Mifsud vs Philip Cassar', Appell 31 ta' Mejju 1996**) jew minn furnished flat jghamlu ufficju (**'Gemma Saliba vs Mario Schembri', Appell 3 ta' Dicembru 1999, 'Zammit Tabona et vs Walker et. App 18/12/03**).

Hi vera u proprja obbligazzjoni tal-kerrej li jisserva bil-haga mikrija lilu bid-diligenza tal-**bonus paterfamilias** u fil-limiti u ghall-uzu determinat mill-kuntratt ta' ftehim [Artikolu 1554 (a), Kodici Civili]. Il-vjolazzjoni ta' din l-obbligazzjoni tista' ssehh b'diversi modi. Ad ezempju, meta l-fond jithalla traskurat u mhux ikkustodit jew ikkonservat kif jixraq jew meta dan ma jkunx qed jintuza kif suppost u skont id-destinazzjoni tieghu. Il-konsegwenza ta' tali vjolazzjoni, fejn tokkorri, hi dik tar-rizoluzzjoni u hall tal-kuntratt [Artikolu 1555 (1), Kapitolu 16] jew ic-cessar tat-tigdid tal-kirja meta din tkun fil-fazi tar-rilokazzjoni [Artikolu 9 (a), Kapitolu 69]. Kwantu ghall-operativita` ta' din l-istess obbligazzjoni din tibqa' tali fid-durata shiha tar-rapport lokatizju. Dan, indipendentement, mill-obbligu legali stabbilit fl-Artikolu 1559 Kodici Civili riferibilment ghar-restituzzjoni lura tal-haga fl-istat li jkun irceviha. Kwantu ghall-kontenut taghha din hi dipendenti fuq il-kondizzjonijiet imposti fil-ftehim skond il-volonta` reciproka tal-kontraenti;

Issa d-diligenza insita fl-obbligazzjoni surreferita li jippreciza l-artikolu tal-ligi [Artiklu 1554 (a)] ma ghandhiex konnessjoni biss ma' kwestjoni ta' dannu materjali fil-haga lokata izda ghandha evidentement rabta mal-pregudizzju illi t-trasgressjoni taghha ggib lis-sid. Hekk fil-kaz ta' non-uso l-gurisprudenza prevalenti hi fis-sens illi din, oltre li tintegra per se inadempjenza kontrattwali, iggib dannu u deprezzament lill-fond u allura, wisq naturali, pregudizzju lill-interess tal-lokatur.

Maghdud dan b'introduzzjoni generali ghall-kwestjoni hawn involuta, jidher li hu terren komuni bejn il-kontendenti f' dan il-kaz illi l-banka tal-Lottu de quo inzammet maghluqa ghal diversi snin. F'sitwazzjoni bhal din jaggrava fuq il-kerrej li jgib 'il quddiem ghas-sodisfazzjon tal-Bord il-prova perswasiva ta' dik il-gustifikazzjoni li tevitalu s-sanzjoni estrema ta' l-izgumbrament. Dan hu linejarment mal-hsieb traccjat f'bosta decizjonijiet li jirritjenu li ghall-konfigurazzjoni tan-non-uzu hu mehtieg li (i) jghaddi tul ta' zmien valutabbli skond ic-cirkustanzi tal-kaz, u (ii) li jkun volontarju u mhux determinat minn xi gustifikazzjoni ragonevoli. Ara a propozitu **"Edward Spiteri -vs- Dr. Kalcidon Zammit", Appell, 16 ta' Dicembru 1968 u "Francis Cutajar et -vs- Michael Attard", Appell, 25 ta' Jannar 1989**.

Jemergi minn dawn is-sentenzi u ohrajn ta' l-istess portata illi ma jezisti ebda metru fiss ghal kejl tal-gustifikazzjoni ghax kollox jiddependi mic-cirkustanzi pekuljari tal-kaz, in-natura ta' l-attività kummercjali gestita mill-fond u fatturi ohra essenzjali. Il-valutazzjoni taghha, imbaghad, hi mhollija fil-gudizzju prudenzjali tal-Bord. Ara **"Rosina Micallef et -vs- Alfred Bilocca et", Appell, 10 ta' Mejju 2006**.

Il-Bord se jghaddi issa sabiex jezamina l-provi migjuba quddiemu fil-kaz in ezami.

**Provi**

Fil-31 ta' Ottubru, 2017[1] xehdet ir-rikorrenti **Maria Concetta *sive* Connie Vella** fejn spjegat li hija l-proprjetarja tal-fond 67, Triq San Duminku, Sliema, liema post hija xtratu kif akkwistat r-residenza taghha li tinsab sovraposta ghal fond mertu tal-kaz odjern. Hija stqarret li l-

[1] A folio 23 sa 24 tal-process

ufficcju tal-Lottu Pubbliku kien diga' jokkupa dan il-fond meta hija xtrat il-proprjeta` in kwestjoni. Di fatti hija kienet tircievi l-kera ta' madwar sittin Lira (Lm60) fis-sena izda ikkonfermat li fil-prezent il-kera kienet fl-amont ta' mitejn disgha u sittin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€269.49). Ir-rikorrent sahhqet li din il-proprjeta` kienet ilha ma tintuza ghal madwar sentejn precedentement ghal ftuh tal-proceduri odjerni fejn spjegat, "*Dan nafu ghax qaluli l-girien u jiena mort nara wkoll.*[2]"

Fil-31 ta' Ottubru 2017[3], fl-10 ta' April, 2018 u fit-22 ta' Mejju, 2018 xehed **Martin Spiteri** fil-kwalita` ta' Agent Direttur tal-Lottu Pubbliku spjega li l-fond mertu tal-kaz odjern kien ilu ma jintuza minn ftit gimghat qabel Dicembru, 2014 fejn f'dan iz-zmien ir-rikorrenti kienet ghamlet talba lill-istess sabiex tirriprendi lura l-pussess ta' din il-proprjeta`. Huwa ikkonferma li l-Banka tal-lottu kienet qieghda tinzamm maghluqa.

In Kontro-Ezami x-xhud spjega li kien hemm ragunijiet ghalfejn il-Banka tal-lottu kienet qieghda tinzamm maghluqa fejn zied jghid li wara li r-rikorrenti talbet lid-Dipartiment tal-Lottu tiehu lura l-proprjeta` taghha, l-istess Dipartiment kiteb lis-Segretarju tal-*Lotto Receivers Union* fejn ir-Ricevitur li kien qieghed jokkupa l-fond in kwestjoni spjega li huwa kien ghad ghandu interess li jokkupa l-istess Banka tal-lottu izda din kienet qieghda tinzamm maghluqa peress li kien ghaddej minn proceduri ta' Arbitragg mal-*Maltco Lotteries Limited.* Ix-xhud stqarr li l-*Lotto Receivers Union* tramite korripondenza mibghuta lid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku kienu ser izommu lill-istess responsabbli f'kaz li l-proprjeta` in kwestjoni ma tkunx ghadha disponibbli jekk ir-Ricevitur in kwestjoni jirbah l-Arbitragg. Din il-korrispondenza giet

[2] A folio 23 tal-process
[3] A folio 25; 30 sa 36 u 54 sa 57 tal-process

segwita b'Protest Gudizzjarju da parti tad-Dipartiment tal-Lottu u Kontro-Protest da parti tal-*Lotto Receivers Union*.

In ri-ezami x-xhud b'referenza ghal kuntratti ta' kera spjega li d-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku jikri proprjeta` minghand terzi, liema proprjeta` tigi ssullokata lir-Ricevitur minghajr ma jsir ebda qliegh da parti tal-istess Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

In Kontro-Ezami ulterjuri x-xhud spjega li bi ftehim bejn id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, il-*Lotto Receivers Union* u l-*Maltco Lotteries Limited*, meta Ricevitur ma jibqax jokkupa Banka tal-lottu, huma jidditerminaw ir-Ricevitur li jmissu jokkupa dik il-Banka. Fil-kaz odjern ix-xhud kompla jzid li ghalkemm l-istess Dipartiment avvicina lil *Lotto Receivers Union* sabiex jaghzlu Ricevitur iehror, l-istess *Union* irrifjutat minhabba l-proceduri pendenti fejn sahansitra stqarr li, "*gejna mheddin biex nghid hekk li jekk ahna nispiccaw naghtuh lil haddiehor jfittxuna ghad-danni*.[4]"

Fit-22 ta' Mejju, 2018 xehed **Alfred Muscat** fil-kwalita ta' President tal-*Lotto Receivers Union* fejn ikkonferma dak li kien spjega x-xhud precedenti u cioe' li r-Ricevitur li jokkupa l-banka tal-lottu in kwestjoni kien ghaddej minn proceduri ta' Arbitragg mal-*Maltco Lotteries Limited*, minhabba dizgwid liema proceduri kienu ilhom ghaddejjin ghal tlett (3) snin.

Huwa spjega fid-dettal dwar is-sistema ta' allokazzjoni lir-Ricevitur ta' banka tal-lottu da parti tal-*Maltco Lotteries Limited*.[5]

---

[4] A folio 56 tal-process

[5] Fl-opinjoni tieghi l-process ta' allokazzjoni ta banka tal-lottu lir-ricevitur m'hijiex relevanti ghal proceduri odjerni

In kontro-ezami huwa spjega li l-banka tal-lottu in kwestjoni ilha maghluqa ghal diversi snin fejn sahaq, "*jekk ma nizbaljax, Novembru, Dicembru ta' two thousand and twelve.*[6]" u ikkonferma li r-ricevitur li kien jokkupa l-banka in kwestjoni kien ibnu Albert Muscat li kellu impjieg fiss mal-gvern.

Mistoqsi jekk il-banka tal-lottu setghetx tinghata lil Ricevitur iehor sakemm jigu decizi l-proceduri ta' Arbitragg, huwa ikkonferma li dan seta' jsir ghal sena, liema perjodu seta' jerga' jigi mgedded ghal sena ohra, izda dan ma sarx. Ix-xhud kompla jzid li la kien hemm proceduri pendenti, "*ma kellnix nintervejnu waqt il-process. Dik ir-raguni principali.*[7]"

**Kunsiderazzjonijiet:**

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubju li l-fond ilu maghluq u ma jintuzax bhala banka tal-lottu ghal diversi snin fejn sahansitra hemm anke qbil bejn il-partijiet fuq dan il-fatt.

Primarjament il-Bord irid jaghmel analizi ta' dik li hi d-definizzjoni ta' banka tal-lottu. Ghalhekk huwa opportun li ssir referenza ghas-sentenza **Emmanuele Grech vs Albert Cortis** tal-20 ta' Mejju, 1960 fejn intqal mil-Qorti tal-Appell:

> *"Banka tal-lottu hija 'hanut' fis-sens u ghall-finijiet tal-Ligi tal-Kera; u ghalhekk tgawdi l-protezzjoni li dik il-Ligi taghti lill-hwienet. Ghax ix-xoghol ta' ricevitur tal-lottu jidhol fis-sinifikat tal-kelma mestjier li tirrikorri f'din il-ligi specjali."*

[6] A folio 64 tal-process
[7] A folio 66 tal-process

Illi l-kwestjoni hija proprju dwar jekk in-nuqqas tar-Ricevitur mill-uzu tal-banka tal-lottu ghal diversi snin minhabba dak li l-intimat isejjah "*raguni skuzanti*" jammontax ghal *non uso*.

Fis-sentenza **Angelica mart Andre Cauchi et vs John Mallia** tas-27 ta' Jannar, 2005, il-Bord iddiskuta fil-fond il-kriterji sabiex jisussisti il-principju ta' *non uso* fejn irid:

i. jghaddi tul ta' zmien, valutabbli skont ic-cirkostanzi tal-kaz; u
ii. li jkun volontarju u mhux determinat minn xi gustifikazzjoni ragjonevoli.

Huwa opportun li l-Bord jaghmel referenza estensiva ghal ragunament u hsibijiet emergenti mill-istess sentenza:

> "*Izda anqas ghandu jigi minsi li dan il-principju mhux assolut u ma joperax awtomatikament, izda f'kull kaz ghandhom jitqiesu c-cirkostanzi tieghu. Il-principju ma japplikax meta jkun hemm xi gustifikazzjoni xierqa fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u partikolarment meta c-cirksotanzi jkunu tali li, inter alia verosimilment ma jaghtux lok ghal dak id-depprezzament li hu ghab-bazi tal-principju*."

L-intimat isemmi l-proceduri ta' Arbitragg bejn Albert Muscat u l-*Maltco Lotteries Limited* minhabba li s-socjeta` in kwestjoni, "*imponiet certu kundizzjonijiet li ma kienux accettabbli ghar-ricevitur tal-Lottu*[8]" u jressaq tali procedura bhala gustifikazzjoni ghalfejn l-istess banka tal-lottu inzammet maghluqa ghal dan iz-zmien kollu. Dwar dan gie

[8] Dok. MS4 - A folio 41 tal-process

ipprezentat da parti tal-intimat, Protest tal-Agent Direttur (Lotteriji)[9] tat-13 ta' Lulju 2015 kif ukoll serje ta' *e-mails* skambjati bejn l-Avukat tal-intimat u c-Centru Malti tal-Arbitragg[10] bhala provi.

Il-Bord josserva li l-*Lotto Receivers Union* kellha kull opportunita` li *pendente lite* u sakemm ikun hemm l-ezitu tal-proceduri tal-Arbitragg ma kien hemm xejn milli jzomm lill-istess Union milli tassenja l-istess banka tal-lottu lil ricevitur iehor. Di fatti kien l-istess President tal-*Union,* Alfred Muscast[11] li stqarr is-segwenti in kontro-ezami:

> *"Av: Mela inti qed tikkonferma li l-banka setghat nghatat ghal perjodu ta-sena.*
> *Xhud: Setghat tinghata ghal perjodu ta' sena.*
> *Av. U setghat umbghad din is-sena tiggedded ghal perjodu sussegwenti ta' sena.*
> *Xhud: Setghat*
> *Av. U min dan ma sar xejn*
> *Xhud: Ma sar xejn, ghax ahna dehrilna li la hemm process il-Qorti ma kellnix nintervejnu waqt il-process. Dik ir-raguni principali."*

Huwa veru li l-intimat gab din ir-raguni jew, ahjar skuzanti, izda l-intimat kellu kull opporunita` li jsib ricevitur iehor fil-frattemp pero` huwa naqas li jaghmel dan bil-konsegwenza li b'ghazla tal-istess intimat, il-fond mertu tal-kaz odjern ilu maghluq ghal diversi snin. B'kull dovut rispett il-Bord ghalhekk huwa tal-fehma li tali raguni ma tistax isservi ta' raguni valida li tista', fil-parametri tal-ligi, tiggustifika dan l-agir tal-intimat u ssalva d-dritt lokatizzju li huwa ghandu fuq l-imsemmi fond.

---

[9] Dok. MS4 – A folio 41 tal-process
[10] Dok. MAC – A folio 105 sa 107 tal-process
[11] A folio. 66 tal-process

F'dan il-kuntest il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza **Helen Gulia et vs Josephine Chircop** tas-17 ta' Jannar, 1995 fejn il-Qorti tal-Appell sahhqet:

> *"Tul ta' zmien allura li fih il-fond inzamm maghluq u ma kienet tigi kondotta l-ebda attivita kummercjali minnu. Tali cirkostanzi jaghtu lok ghal abbandun u allura jillegittimaw id-dritt tal-lokatur li jiehu taht idejh il-fond."*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur